Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 38/2024 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: It-Tnejn, 26 t' Awwissu 2024

Ħin: 17:30

Bdiet: 18:00

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Preżenti
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Preżenti
Sur Clayton Cascun	Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Skużat
Sur Nigel Holland	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Jason Silvio	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Preżenti
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Preżenti
Sur Olaf McKay	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Preżenti
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti

38.1 Ittri ta' Apoloġija

38.1.1 Il-President semma li s-Sur Clayton Cascun talab li jkun skużat peress li kellu skedata laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Clive Pulis, is-Sur Cascun tniżżel bħala skużat.

38.2 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.38

38.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti hekk kif mibugħtha mill-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech u s-Sur Wayne Aquilina, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

38.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 32

38.3.1 Is-Sur Wayne Aquilina ġibedt l-attenzzjoni li qabel ikun hemm diskussjonijiet kif ukoll stabbilit timeline mal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart kif ser ikunu qed jindirizza n-nuqqasijiet li għad hemm kif ukoll jaderixxi mal-klawżoli stabbiliti fil-kuntratt jew dawk li kienu speċifikament imniżla fis-sejħa. Wara

diskussjoni interna bejn dawk preżenti kien hemm qbil li r-Reġjun għandu joħroġ ittra legali lill-Kuntrattur sabiex jinnotifikah sabiex jingħtaw deadlines ċari ta' meta ser ikun qed jaġixxi.

38.3.2 Il-President semma li r-Reġjun ma ħa l-ebda responsabbilita' tal-Kunsilli fejn jidħol ġbir ta' skart, semma li dan kollu ħiereġ mil-liġi u li r-Reġjun qiegħed biss jaġixxi fuq ir-responsabbilita' li ngħata mil-liġi. Semma wkoll li sfortunatament ir-Reġjun qatt ma ssejjaħ sabiex jiffirma financial commitment form ta' din is-sejħa u din hija waħda mir-raġunijiet fundamenatli għaliex ir-Reġjun qed jagħlaq b'deficit kull kwart tas-sena.

38.3.3 Is-Sur Joseph Abela semma li qed ikollu problema sabiex jinġabar l-iskart organiku miċ-ċimiterji dan wara li huwa qagħad iqassam il-fjuri ġo tank separat. Semma li huwa kkomunika mal-kollettur u qallu li hemm problema mill-Wastserv sabiex idaħħalhom ma' skart organiku.

38.3.4 Is-Sur Neil Attard semma li l-ġabra qed tibda tard u l-kuntrattur qed idum ma' jlesti l-lokalita' tax-Xgħajra. Semma li dan qed ikun ta' deterrent li qed ikun hemm kullimkien mimli skart barra sa tard wara Nofsinhar.

38.3.5 Is-Sur Clive Pulis semma li l-kuntrattur qed imur jiġbor l-iskart bi trakkijiet kbar li mill-Isla ma jgħaddux u dan b' konsegwenza li qed jagħddi u jiefqa l-kaptelli.

38.3.6 Wara diskussjoni interna fejn kull Sindku wera d-diżappunt li bih qed jingħata dan is-servizz. Kien hemm qbil li l-pagament tax-xhar ta' Lulju għandu jagħddi l-kuntrattur, tintbgħat ittra legali b' mod immedjat sabiex ikun hemm timeframes ċari ta' kif u meta ser jiġu indirizzati dawn l-problemi.

38.3.7 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Neil Attard u s-Sur Clive Pulis ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-1 t' Awwissu 2024 u s-26 t' Awwissu 2024 li kienet tammonta għall-€275,383.09.

38.4 Approvazzjoni tar-Rapport mill-Board tal-Għażla - għall-Uffiċjal Maniġerjali tal-Kultura

38.4.1 Il-president preżenta r-Rapport li ħejja l-Board tal-Għażla. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech, il-Kumitat approva li s-Sa. Francesca Zammit tiġi offruta l-post ta' Uffiċjali Maniġerjali tal-Kultura Kunsill Reġjonali Port.

38.5 Approvazzjoni tar-Rapport mill-Board tal-Għażla – Segretarju Eżekuttiv

38.5.1 Il-president preżenta r-Rapport li ħejja l-Board tal-Għażla. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Clive, il-Kumitat approva r-rapport hekk kif preżentat. Il-President semma li r-Reġjun ser jinforma lid-Diviżjoni li wara l-intervisti li saru l-post għadu vakant.

38.6 **Approvazzjoni tal-Ftehim Fondazzjoni Kottonera – Belt Kulturali Ewropea**

38.6.1 Il-President semma li wara li l-Laqgħa t' Awwissu huwa kellu komunikazzjoni mas-Sur Joe Mizzi, chairperson Fondazzjoni Kottonera u kien hemm qbil li jidġlu klawżoli addizzjonali fil-ftehim sabiex anki jkunu salvagwardjati aħjar l-interessi tar-Reġjun. Dn il-komunikazzjoni kienet instigata mill-fatt li r-Reġjun fl-aħħar laqgħa ma approvax il-pagament tal-Fondazzjoni. Il-

President semma wkoll li s-Sindku tal-Birgu minkejja d-diskussjoni li saret fir-Reġjun ftit jiem wara huwa wkoll ikkometta li l-Kunsill ser ikun qed iħallas il-€50,000.

38.6.2 Il-President semma li r-reġjun irid jonora dan il-ftheim għal sentejn. Dan ifisser li r-Reġjun irrid iħallas €100,000 fis-sena 2024 u anki fis-sena 2025.

38.6.3 Is-Sur John Boxall semma li kemm ir-Reġjun kif ukoll il-Kunsill ser jibqa' jħallas sakemm il-proċess tal-Bid Book ikun lest u ikkonfermat komplu mill-Unjoni Ewropea.

38.6.4 Wara diskussjoni interna fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur John Boxall, il-pagament ta' €100,000 għas-sena 2024 ġie approvat kif ukoll kien hemm qbil li jkun approvat u iffirmat il-Ftehim mal-Fondazzjoni Kottonera.

38.7 Ħatra Viċi President Reġjun Port

38.7.1 Il-President semma li r-Reġjun irċieva żewġ nomini dik tas-Sur John Boxall u oħra tas-Sur Jorge Grech li xtaqu li jikkontestaw għall-kariga ta' Viċi President Reġjun Port.

38.7.2 Il-President semma li ladarba kien hemm kontestazzjoni ser jittieħed vot sigriet bejn il-Membri. Kien hemm qbil dwar dan u l-Membri inkluż il-President talbu li jixħtu l-vot tagħhom.

38.7.3 Wara li tlestiet il-votazzjoni ġew mgħoddija l-voti u kien hemm 6 voti favur is-Sur John Boxall u 5 voti favur is-Sur Jorge Grech. Għaldaqstant, is-Sur John Boxall ġie maħtur Viċi President Reġjun Port.

38.8 Aġġornament

38.8.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha għall-ħabta ta' tmienja ta' filgħaxija. Il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 30 ta' Settembru 2024 fil-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Port

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv